Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1191/00

Vodafone Malta Limited

Vs

Keith Rizzo

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u hamsin liri Maltin u disgha u sittin centezmi (Lm257.69c) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u `airtime' ghall-istess uzu, moghti lilu mis-socjeta' attrici ghall-perjodu mil-10 ta' Mejju 1999 sas-17 t'April 2000.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u bl-imghaxijiet legali, bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in

subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gusitifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjet'a attrici s-somma mitluba ta' mitejn u sebgha u hamsin lira u disgha u sittin centezmu (Lm257.69c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg